# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 482/98**

**Numru 32**

**Jesmond u Anne-Marie Psaila**

**vs**

**Ian Giles**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess atturi s-somma ta' seba mija u tmienja u ghoxrin lira u erbghin centezmi (Lm728.40,0) danni imgarrba f'incident awtomobilistiku li gara fl-24 ta' Mejju 1997 f'Dingli Street c/w High Street, Sliema bejn il-vettura AAW u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2000 l-ittri AAW qed jigu sostitwiti b'"AAN" 648 misjuqa mill-konvenut u l-vettura W-7090 misjuqa minn Anne-Marie Psaila ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imperizja u negligenza.

Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal dan l-incident.

Bl-ispejjes komprizi Lm23 tal-spejjes legali u dawk tal-ittra ufficjali mibghuta fid-data tal-avviz stess kontra l-assikuraturi ta' Ian Giles a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra Ian Giles li gie ngunt ghas-subizzjoni, u imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra Ian Giles.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 2 tal-atti) li biha ecepixxa:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija Anna Marie Psaila li waqt li kienet qed isuq il-vettura numru W-7090 marret fuq in-naha hazina tat-triq u habtet mal-vettura Nru I-7972 misjuqa mill-eccipjenti. L-eccipjenti kuntrarjament ghal dak li jidher fl-skizz tal-pulizija kien qed isuq fuq in-naha tajba tat-triq, tant illi l-incident ma' kienx wiehed "head on" kif jidher fl-skizz u dan kif sejjer jigi spjegat u pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma' garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni. Iiema danni kif riklamati huma f'kwalunkwe kaz ghal kollox ezagerati.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz id-digriet moghti fl-17 ta' Jannar 2000 a fol 27 u 28 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>PS 1381 Michael Camilleri</u> (fol 20 et seq ibid) li investiga din il-kollisjoni, esebixxa kopja tar-rapport u skizz maghmulin minnu (fol 22 u 23 ibid). Mill-iskizz jidher li l-karozza bin-numru W-7090 u misjuqa mill-attrici kienet fuq in-naha korretta ("proper") tat-triq waqt li dik bin-numru AAN 648 misjuqa mill-konvenut kienet "<u>on the wrong side of the road</u>", u b'hekk saret <u>kollisjoni "head on"</u> liema fatt jidher evidenzjat mid-deskrizzjoni tad-danni konsegwenzjali a fol 23 ibid. (ara ukoll fol 26 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attrici (fol 11 sa 13 tal-atti) xehdet testwalment "Kif dort sabiex nidhol fi Triq Santa Marija, gie iehor (il-konvenut) fuq in-naha tieghi u hbatna". In rigward l-iskizz esebit mill-imsemmi Fizzjal tal-Puliizja u li hu ukoll esebit f'kopja (a fol 14 ibid), hi enfasizzat li l-istess skizz ma kienx zbaljat.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 29 u 30 ibid) xehed li ma kienx jaqbel mal-imsemmi skizz "because it seems that we met head on" u skond hu "I was more to the side" ossija "further towards the left ...." in sostenn ta' dan hu esebixxa diversi kopji ta' ritratti a fol 33 u 34 ibid sabiex jindika li hu kellu hsara, biss, fuq in-naha tal-lemin tal-vettura misjuqa minnu.

Ikkunsidrat

Illi, wara li qieset dan kollu, l-Qorti ma tarax li ghandha jkollha xi dubbju dwar il-korrettezza tal-iskizz imsemmi l-unika prova indipendenti mill-partijiet u b'hekk ghandha temmen ix-xhieda moghtija mill-attrici. A basi ta' dan jidher li l-konvenut saq "on the wrong side of the road" , deskritta bhala "narrow and two cars can just about pass" mill-istess konvenut u b'hekk ghandu jigi kunsiderat bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni, li ma giex kontestat (fol 35 ibid) fis-somma ta' Lm728.40,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm728.40,0 bl-imghax legali mill-20 ta' Marzu 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm23 bhala spejjes legali u dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Marzu 1998 imsemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg